MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 202/2008

**Maria Assunta Bugeja (ID 510358M)**

**vs**

**Conrad Mizzi (ID 466984M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Marzu 2008, fejn intalab illi t-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-bilanc ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320.00), ekwivalenti ghal seba' mija u hamsa u erbghin euro (€745.00), rapprezentanti bilanc ta' somma mislufa lilu mill-mittenti *brevi manu* u li hu ma rritornax minkejja diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut pprezentata nhar il-25 ta' Marzu 2008 li permezz taghha eccepixxa illi l-konvenut

taht l-ebda cirkostanza ma ssellef xi flus minghand l-attrici u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-affidavit ta' **Maria Assunta Bugeja** fejn ikkonfermat illi fis-sena 2006 hi kienet silfet l-ammont ta' tminn mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) lill-konvenut wara illi hu kien ikkommetta xi kontravenzjonijiet awtomobilistici. Illi l-attrici sellfitlu t-tali flus wara li hu baqa' jsus sabiex taghtihomlu. Illi l-attrici spjegat kif il-konvenut kien irritorna l-ammont ta' disgha u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88), u ghalhekk fadallu jaghti l-kumplament. Izda pero`, meta ippruvat taghmel tenttattiv sabiex terga' tigbor il-flus, hi giet aggredita.

Sema' x-xhieda tal-konvenut **Conrad Mizzi** fejn cahad il-fatt illi l-attrici qatt silfitu xi flus u li qatt ghamel xi pagament lilha. Illi pero` jikkonferma l-fatt illi kien ircieva ittra minghand l-avukat ta' l-attrici u tramite l-Avukat tieghu Dr. L. Caruana kien irrisponda illi hu ma kellu jtiha xejn. Fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Novembru 2009, x-xhud jichad li jaf illi zitu, l-attrici kienet wirtet xi flus u jichad illi kellu xi problemi biex ihallas citazzjonijiet tal-vettura. Jghid illi dak iz-zmien li zitu kienet tghix maghhom, huwa kien jahdem ta' mastrudaxxa,

Sema' x-xhieda ta' **Pauline Mizzi** fejn ikkonfermat illi fiz-zmien illi l-attrici ghamlet tghix maghha, cioe` ghall-circa sena u xahrejn, fil-prezenza taghha, hi qatt ma taf illi l-attrici silfet xi flus lill-konvenut. Illi spjegat pero` l-fatt illi l-konvenut ircieva ittra minghand l-avukat ta' l-attrici u tramite l-avukat taghhom Dr. L. Caruana kienet flimkien mal-konvenut irrsponda illi huma qatt ma ghandhom jaghtu xi flus lill-attrici. Fix-xhieda taghha tad-19 ta' Novembru 2009 tghid illi zita, l-attrici, gieli tatha xi haga tal-flus talli kienet taghmel maghha, Tghid illi qatt ma tiftakar illi binha Conrad kellu xi problema ta' hlas ta' citazzjonijiet u wisq aktar li ssellef xi flus biex ihallashom.

<u>Ikkunsidra</u> :

Illi minn jallega irid jipprova. Fuq livel ta' probabbilita` ikun bizzejjed biex dan it-Tribunal jaqta` l-vertenza favur parti jew ohra.

F'dan il-kaz, l-attrici ssostni li silfet flus brevi manu. Hemm biss ix-xhieda taghha kontra c-cahda tal-konvenut u x-xhieda minnu mressqa.

L-attrici, filwaqt illi tghid ir-raguni ghaliex silfet il-flus, ossia biex il-konvenut ihallas xi citazzjonijiet li kellu, b'dana kollu lanqas ma tressaq l-icken prova in sostenn ta' dan. Xhud tal-licenzji, jew l-ADT kien ikun prova interessanti ghal kaz tal-attrici. Kieku irrizultat prova li l-konvenut kellu, fiz-zmien tas-self, ihallas somma ekwivalenti jew vicin dik hawnhekk mitluba, kienet tkun indizju u prova li setghet possibilment twassal biex l-attrici tkun qed tissostanzja t-talba taghha, anke fuq livell ta' probabbilita` u ekwita` kif irid jiddeciedi dan it-Tribunal.

Dan ma ghamlitux u t-Tribunal ma jistghax jasal biex jikkonkludi, anke fuq livell ta' probabbilita`, illi t-talba attrici hija giustifikata.

Irid jinghad ukoll li lanqas prova tal-hlas akkont ma ngieb. Anzi, l-konvenut jichad anke dan. Jichad illi qatt ghamel xi hlas akkont ta' xi somma lilu mitluba. Minn naha taghha, l-attrici ma tressaq ebda prova li tista` tikkonvinci lit-Tribunal li sar tali hlas akkont.

**GHALDASTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, u wara li t-Tribunal ra u evalwa l-provi kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------